MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2014

Appell Civili Numru. 79/2012/1

**Emanuel Ciantar f'ismu proprju u**

**l-kumpanija Maxkim Limited (C19754)**

**v.**

**Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dawn huma zewg appelli, maghmula wiehed mir-rikorrent u l-iehor mill-intimat, minn sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2013 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimat, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, hlief it-talba ghar-ripreza tal-vettura KIM-324 da parti ta' Emanuel Ciantar personalment b'effett immedjat *rebus sic stantibus,* u salv il-gudizzju finali tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, u ordnat l-ispartizzjoni tal-ispejjez.

## Il-Fatti

**2.** Dawn il-proceduri jirrigwardjaw zewg vetturi, wahda ta' ghamla Peugeot registrata bin-numru HBD-096 fuq isem ir-rikorrent Emanuel Ciantar ghan-nom tal-kumpanija rikorrenti Maxkim Limited, u l-ohra ta' ghamla Toyota Vitz registrata bin-numru KIM-324 fuq isem l-istess Emanuel Ciantar. F'xi zmien dawn il-vetturi nstaqu minn Maximillian Ciantar, iben ir-rikorrent, meta dan ma kellux licenzja tas-sewqan. Maximillian Ciantar joqghod fl-istess indirizz ma' missieru.

**3.** L-imsemmi Maximillian Ciantar kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u fis-27 ta' Lulju 2011 dik il-Qorti sabitu hati tar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna ta' zewgt itfal, kif ukoll li kien qed isuq il-vettura HBD-096 minghajr licenzja, u ghalhekk minghajr koperta ta' assigurazzjoni, u, apparti milli kkundannatu piena ta' prigunerija u skwalifikatu milli jottjeni licenzja tas-sewqan, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3[2][c][i] tal-Kapitolu 104 ordnat il-konfiska tal-vettura fuq indikata li kienet intuzat fil-kommissjoni tar-reati li taghhom kien instab hati. Il-vettura eventwalment giet konfiskata materjalment.

**4.** F'okkazzjoni separata l-istess Maximillian Ciantar kien tressaq quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati mixli li ghamel uzu temporanju tal-vettura KIM-324 minghajr ma kellu l-kunsens ta' sidha bi ksur tal-Artikolu 61[1] tal-Kap.65. Dik il-Qorti, b'sentenza moghtija fis-6 ta' Jannar 2012, ghalkemm sabet lil Maximillian Ciantar hati tal-akkuza, ma ordnatx il-konfiska tal-vettura. Il-Prosekuzzjoni appellat minn din il-parti tas-sentenza, liema appell ghadu pendenti.

**5.** Fil-frattemp il-Qorti Kriminali cahdet talba maghmula mir-rikorrent Emanuel Ciantar ghar-ripreza tal-vettura proprjeta` tieghu pendenti l-proceduri kriminali.

**6.** Fis-succint jinghad li fir-rikors promotur ir-rikorrenti ppremettew, *inter alia*, li: l-vettura HDB-096 proprjeta` tal-kumpanija rikorrenti kienet regolarment assigurata; li Maximillian Ciantar ma kienx impjegat ma’ din il-kumpanija izda xorta wahda l-Qorti tal-Magistrati ordnat il-konfiska tal-vettura; li l-Qorti tal-Magistrati f’sentenza ohra tas-6 ta’ Jannar 2012, ghalkemm kienet sabet lil Maximillian Ciantar hati skont l-akkuza, ma ordnatx il-konfiska tal-vettura KIM-324; li Maximillian Ciantar ma appellax minn din is-sentenza izda appella l-Avukat Generali; li skont il-ligi dan l-appell ma jissospendix l-ezekuzzjoni tas-sentenza, u ghalhekk iz-zamma ta’ din il-vettura hija priva minn bazi legali. Ghalhekk talbu li [1] il-Qorti tiddikjara li fil-konfront taghhom sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, u tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni], kif ukoll ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Kostituzzjoni]; [2] li jigi dikjarat li l-Artikolu 3[2][c][i] tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jivvjola l-istess artikoli u konsegwentement ghandu jigi dikjarat li huwa null u bla effett; [3] li jigu rilaxxjati z-zewg vetturi fuq indikati; u [4] li jinghata kumpens xieraq ghal dawn il-vjolazzjonijiet, u ghat-telf ta’ uzu tal-istess vetturi mir-rikorrenti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijet:

"Illi l-Qorti kif gja' qalet f'kawzi ohra ghandha tghid illi l-fatt li r-rikorrenti ihossu aggravat minn sentenza tal-Qorti b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tieghu.

> *""Il-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizjoni Kostituzzjonali taghha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja.* (**"JEM Investments Limited vs Avukat Generali et"** – Qorti Kostituzzjonali, deciza fid-9 ta' Novembru 2010).

"Illi dan japplika ghal certi konkluzjonijiet, specjalment tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi ghalihom jaghmel referenza ir-rikorrenti.

"Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jiccitaw ukoll lill-awturi Jacobs and White (The European Convention on Human Rights, pagna 140) li qalu illi:

> *""Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.*

> *"The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

"Illi wara dawn l-enunzjamenti generali jkun tajjeb li l-Qorti tara l-lanjanzi rigwardanti l-artikoli citati mir-rikorrenti wiehed wara l-iehor.

“Illi **dwar l-artikolu 1** gja’ msemmi l-awtrici **Monica Carss Frissk** fil-manwal taghha **Guide to the ECHR**, ticcita l-Qorti Ewropeja fil-kawza **“Sporroth u Lonrotth vs Sweden (1982**)” illi qalet li:

> *““That Article [Article 1 of Protocol No. 1] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature, enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognises that the States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph. (para. 61).”*

“Illi naturalment dan il-kaz kien jirrigwardja t-tehid forzat tal-proprjeta` ghal skopijiet pubblici u ghalhekk ir-rilevanza ghal kaz odjern hija relattiva, izda l-principju li hemm limitazzjoni ghad-dritt sancit hija accettata u applikabbli dejjem. Huwa certament accettabbli wkoll li l-legislatur jista’ jaghti setgha lill-Qorti Kriminali biex tikkonfiska proprjeta` li jkun qed jaghmel uzu minnha l-akkuzat biex jikkommetti r-reat in kwistjoni u allura ma hemmx dubju li fih innifsu ma hemm xejn f’dan il-fatt biss li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-Qorti trid tara biss jekk f’dan il-kaz, kienx hemm xi infrazzjoni fic-cirkostanzi tal-istess kaz.

“Illi dwar dan l-artikolu l-unika lanjanza tar-rikorrenti hija li t-tehid tal-vetturi ma kien wiehed legali (**lawful**).

“Illi fir-rigward tal-vettura bin-numru HBD-096, il-konfiska giet ordnata mill-Qorti permezz ta’ sentenza finali u allura ma hemmx kwistjoni li t-tehid ma sarx skond il-ligi; ir-rikorrenti jistghu ma’ jaqblux mad-decizjoni izda dan ma jfissirx li ma kienitx skond il-ligi u zgur ma kisret ebda dritt fundamentali taghhom. Importanti wiehed jinnota illi l-indirizz tas-socjeta` rikorrenti kif indikat mill-*log book* tal-vettura esebit minnha stess jindika bhala indirizz taghha bhala 43, Triq is-Sebh, il-Marsa; l-istess indirizz kemm tar-rikorrenti Emanuel Ciantar kif ukoll tal-akkuzat. Allura ladarba l-akkuzat joqghod fl-istess indirizz, dan ifisser li l-Qorti setghet skond l-artikolu 3 tal-Kap. 104 fuq imsemmi, tordna l-konfiska tal-vettura ghaliex ir-reat gie kommess min xi hadd li joqghod mas-sid.

“Illi fir-rigward tal-vettura KIM-324 din ma gietx konfiskata permezz tas-sentenza izda l-Avukat Generali oppona ghar-ripresa taghha fil-mori tal-appell. Ladarba ghad hemm appell l-Qorti jidhrilha illi kull pronunzjament anke f’dan is-sede ikun prematur u t-talbiet tar-rikorrenti f’dan l-istadju huma intempestivi. Madankollu fl-istess waqt il-Qorti ma tara li jkun hemm ebda hsara ghall-proceduri jekk ghallinqas sakemm tigi deciza l-kawza l-vettura tigi rilaxxata, peress li l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet illi ma tordnax il-konfiska.

Anzi jkollu ragun hawnhekk ir-rikorrenti jilmenta li it-tehid tal-vettura f'dak l-istadju qed icahhdu mill-proprjeta` tieghu minghajr raguni legali.

"Illi stabbilit dan il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tindaga u ulterjorment; dan ghaliex fir-rigward tal-vettura HBD-096 kif gja' ssemma, ma jista' jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ladarba l-ligi giet applikata kif suppost. Il-Qorti se tikkummenta biss fuq it-talba biex tiddikjara l-artikolu 3 imsemmi li jikser dawn id-drittijiet; illi huwa car ghall-Qorti illi l-artikolu msemmi huwa intiz anzi biex jipprotegi c-cittadin innocenti minn abbuz ta' persuni li jiksru l-ligi meta jsuqu vetturi mhux licenzjati jew mhux koperti mill-assikurazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-legislatur holoq il-bilanc necessarju f'dan ir-rigward billi nkluda persuni li minhabba l-affinita` taghhom ma min ikun hati tar-reat ikun presunt illi kienu jafu bl-abbuz; anzi wiehed ghandu jghid illi mn'alla tezisti din it-tip ta' deterrent biex l-abbuz ma jkunx akbar.

"Illi kwantu ghat-talba ghad-danni, dawn ghandhom jintalbu mir-rikorrenti (fir-rigward tal-vettura KIM-324) minghand min saqha kontra l-ligi u mhux minghand l-intimat. Kienet din il-persuna fuq kollox illi wasslet ghall-dawn il-proceduri kollha."

**<u>L-Appelli</u>**

**8.** Minn din is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-Avukat Generali.

**9.** Ir-rikorrenti qed jibbazaw l-aggravju taghhom fuq is-segwenti: li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u wkoll li tezisti fil-konfront taghhom vjolazzjoni tal-Artikolu 6[2][3] – vjolazzjoni tal-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza; li l-Artikolu 3[2][c][i] tal-Kap.104 huwa anti-kostituzzjonali; li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-fatti tal-kaz fir-rigward taz-zewg vetturi; li dik il-Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljata

dwar ir-*ratio legis*; u li l-ewwel Qorti “ma dahlitx” fil-lamenteli dwar l-Artikolu 7 u l-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**10.** Ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn cahdet it-talbiet taghhom, u minflok, tilqaghhom, u tibdilha fejn tat rimedju kundizzjonat dwar il-vettura KIM-324 billi ssib ukoll vjolazzjoni inkondizzjonata, u taghti r-rimedji opportuni.

**11.** L-intimat qed jibbaza l-aggravju tieghu limitatament ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx provvizorju b’effett immedjat tal-vettura KIM-324 favur ir-rikorrent pendenti l-proceduri kriminali.

**<u>L-Appell tar-Rikorrenti</u>**

**12.** Fl-aggravju taghhom ir-rikorrenti jilmentaw li l-ewwel Qorti kkonsidrat u applikat l-Artikolu 6 limitatament fis-sens li l-allegata vjolazzjoni ta’ dan l-artikolu ghandha tigi ezaminata biss fil-kuntest tal-proceduri *“as a whole*”; u “tinghata l-impressjoni li sakemm l-individwu jkun deher quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, id-decizjonijiet taghha jibqghu sagrosanti.  Jghidu li hemm aspetti diversi li jaqghu taht il-kappa ta’ dan l-artikolu, fosthom l-access ghal Qorti, il-prezunzjoni tal-innocenza, u l-partecipazzjoni tal-imputat.

**13.** In sostenn ta' dan l-ilment taghhom huma jghidu li ma kienet qed tigi kkontestata bl-ebda mod id-dikjarazzjoni ta' htija bhala t-tielet grad ta' gudizzju ta' Maximillian Ciantar. Dan mhuwiex parti mill-kawza odjerna u mhu qed jitlob xejn bhala varjazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali jew fil-kawza l-ohra li ghadha pendenti quddiem dik l-istess Qorti. Semplicement din ma hix materja tal-kawza. Ghalhekk il-bran citat mill-ewwel Qorti fis-sens li l-qrati kostituzzjonali mhumiex qrati tat-tielet jew tar-raba' istanza, huwa rrelevanti ghal kaz odjern.

**14.** Jghidu li l-pern tal-kwistjonijiet kollha hija l-inkostituzzjonalita` tal-Artikolu 3[2][c][i] tal-Kap.104 ghax dan iwassal ghal *"konfiska ta' proprjeta` [li] hija kundanna penali.",* u individwu ma jistax jigi kkundannat ghal piena penali minghajr qatt ma jkun huwa stess imputat. Bil-konfiska tal-vettura li ma tappartjenix lill-imputat, is-sid ikun qed jigi processat *in absentia*. Jghidu wkoll li ma hemmx rimedju ghas-sid li ma jkunx parti fil-kawza. Il-konfiska tal-vettura li ma tkunx tappartjenti lill-akkuzat "*iggib vjolazzjoni tal-access ghall-Qorti u tal-kundanna in absentia minghajr l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu."*

**15.** Jghidu li fil-kaz odjern l-oggett tal-konfiska mhuwiex xi oggett li l-pussess tieghu huwa projbit mil-ligi ghal kull persuna, bhal per ezempju droga u ghalhekk il-konfiska hija *erga omnes* u *ex lege*.

**16.** Ir-rikorrenti appellanti jissottomettu li: "F'dan l-Artikolu [3] tal-Kap.104 hemm ukoll il-prezunzjoni tal-htija u b'mod assolut. Jekk ic-certifikat tat-twelid juri li min jikkommetti reat ikun it-tifel tas-sid jew impjegat mieghu, allura dan igib il-prezunzjoni tal-htija li tista' tigi ribattuta biss bi provi… …. Kif jista' jkun hemm tali prova quddiem il-Qorti li qed tiggudika meta dik il-persuna ma tkunx fl-izbarra biex tirrispondi bil-garanziji kollha processwali? Jekk wiehed jghid li l-missier jittella' xhud, u l-pozizzjoni tieghu hija kompletament differenti minn ta' persuna li qed jircievi kundanna ta' konfiska."

**17.** B'referenza ghall-fatti relatati mal-vettura HBD-069 ir-rikorrenti jissottomettu li l-Artikolu 3[2][c][i] huwa inapplikabbli peress li din tappartjeni lill-kumpanija rikorrenti li, bhala tali, ghandha personalita` guridika distinta mir-rikorrent l-iehor. Inoltre, mill-provi jirrizulta li Maximillian Ciantar li nstab hati ta' sewqan ta' din il-vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan mhuwiex impjegat taghha.

**18.** Dwar il-vettura KIM-324 ir-rikorrenti jilmentaw li r-rilaxx tal-vettura mill-ewwel Qorti gie kwalifikat bhala wiehed provvizorju sakemm jigu konkluzi l-proceduri kriminali. Isostnu li r-rikorrent kellu kull dritt li jiehu lura l-vettura minghajr kundizzjoni ghaliex l-appell maghmul mill-Avukat Generali ma ssospendiex l-ezekuzzjoni tas-sentenza u *"fil-mument illi l-Qorti ma kkonfiskatx, kellu dritt legali li jehodha lura."* u minhabba f'hekk iz-zamma taghha wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija priva minn bazi legali. Ghalhekk ir-rimedju temporanju li tat l-ewwel Qorti jgib mieghu l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**19.** Isostni li *"f'dan il-kaz [tal-vettura KIM] ma kien hemm l-ebda allegazzjoni ta' xi hsara fuq il-persuni jew il-proprjeta` bl-imsemmija vettura. Allura ma seta` qatt jigi addebitat illi l-vettura kienet mehtiega ghall-investigazzjoni in rem"*.

**20.** Dwar il-lamenteli bazati fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 7, tal-Konvenzjoni, ir-rikorrenti, filwaqt li jghidu li l-ewwel Qorti ma dahlitx fihom "effettivament", jirreferi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnhom fir-rikors promotur.

**21.** Dwar l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, il-kumpanija rikorrenti u r-rikorrent personalment jilmentaw minn spussessament kontra l-ligi tal-proprjeta` taghhom. Fiz-zewg kazi ttiehdet proprjeta`: fil-kaz tal-kumpanija b'mod permanenti; u fil-kaz ta' Emanuel Ciantar personalment b'mod temporanju, b'telf u b'dannu, u dan mhux fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk it-tehid tal-vettura ta' Emanuel Ciantar ma kienx *"lawful".*

**22.** Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali jissenjala s-segwenti punti: li l-fatt li r-rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li sofrew lezjoni ta' xi dritt fundamentali taghhom; li l-proceduri kostituzzjonali m'ghandhomx iservu sabiex issir revizjoni tas-sentenzi tal-qrati; li l-Artikolu 3[2][c][i] johloq bilanc gust bejn il-htiega li titrazzan l-irresponsabilita` ta' min isuq minghajr kopertura ta' assigurazzjoni bil-possibilita` ta' konfiska tal-vettura, u l-htiega li tinghata protezzjoni lis-sid tal-vettura li jkun in buona fede fis-sens li ma jkollu x'jaqsam xejn mar-reat kommess minn haddiehor; li l-konfiska mhijiex piena, imma konsegwenza tal-piena; li r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju li b'rikors lill-Qorti li tkun ordnat il-konfiska jitlob ir-rilaxx taghha; li l-konfiska tal-vettura HBD kienet skont il-ligi peress li saret b'sentenza ta' Qorti; li r-rilaxx provvizorju tal-vettura KIM-324 imur kontra l-interess generali, u ghalhekk f'dan ir-rigward interponiet appell; li l-ilment dwar l-Artikolu 7 huwa fil-fatt *omissa decisione* u ghalhekk ir-rikorrent kellu jinvoka l-Artikolu 235 tal-Kap.12.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**23**. Illi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

"3. (1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

"(1A) Ikun prezunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-sehh skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni mahrug taht l-Artikolu 4(4).

"(1B) Tista' tinghata eccezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taht is-subartikolu (1), mill-akkuzat jekk igib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir.

"(2) Kull min jikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu jehel, meta jinsab hati -

"................

"(c) fil-kaz tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqas minn hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) izda ta' mhux izjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena, jew il-multa u l-prigunerija flimkien, u

"(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-uzu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja

ta' u li jkun jghix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-sehh polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma ghandha tkun taqbel mal-htigijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti ghandha ["shall"], b'zieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna lkonfiska tal-vettura bil-mutur;"

**Allegata lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

**24.** Mill-provi irrizulta li fi procediment ghad-determinazzjoni ta' imputazzjoni kriminali fil-konfront ta' haddiehor il-Qorti kompetenti, b'applikazzjoni tal-ligi applikabbli, ordnat il-konfiska ta' zewg vetturi, wahda ta' ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HBD-096 registrata fuq ir-rikorrent Emanuel Ciantar ghan-nom tal-kumpanija rikorrenti Maxkim Limited u l-ohra ta' ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni KIM-324 registrata fuq l-istess Emanuel Ciantar personalment. F'dawn ic-cirkostanzi, fejn l-ilment jirrigwarda l-konfiska ta' proprjeta` b'operazzjoni tal-ligi, il-fatti jinkwadraw sabiex jigu konsidrati primarjament fl-ambitu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra fl-ewwel lok l-aggravju tar-rikorrent appellant in kwantu dan jolqot id-decizjoni appellata fejn din cahdet it-talba tieghu ghal sejbien ta' lezjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni u dan peress li r-rikorrent appellant isostni li l-vjolazzjonijiet li minnhom jilmenta irrizultaw u li ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata li cahdithom.

**Principji**

**25.** Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea identifikat dawn il-principji relevanti ghall-kaz.

**26.** Fis-sustanza tieghu l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jiggarantixxi d-dritt tal-proprjeta`. Huwa jikkomprendi tliet regoli distinti: l-ewwel regola, li tinsab fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu, hija ta' natura generali u tiddikjara l-principju tad-tgawdija pacifika tal-proprjeta`; it-tieni regola, li tinsab fit-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu, tittratta mit-tehid ta' possedimenti u tassoggettah ghal certi kundizzjonijiet; it-tielet regola, li tinghad fit-tieni paragrafu, taghraf li l-Istati Kontraenti huma intitolati, fost affarijiet ohra, li jikkontrollaw l-uzu ta' proprjeta` billi jenforzaw dawk il-ligijiet li jidhrilhom mehtiega fl-interess generali. Dawn it-tliet regoli, izda, ma humiex "distinti" minn xulxin fis-sens li ma humiex konnessi bejniethom: it-tieni u t-tielet regola jirrigwardaw kazijiet partikolari ta' interferenza fid-dritt ta' tgawdija pacifika ta' proprjeta` u ghalhekk iridu jinfthemu fid-dawl tal-principju generali mistqarr fl-ewwel regola[1].

[1] ECHR *Trimeg Limited v Malta*, 27 Settembru 2011, # 23; ara wkoll *Tre Traktorer AB v. Sweden*, 7 Lulju 1989, # 54; *Fredin v. Sweden*, [No. 1], 18 Frar 1991, #51; *Former King of Greece v. Greece*, 23 ta' Novembru 2000, #79, #89

**27.** Ghandu jinzamm bilanc gust bejn l-esigenzi tal-interessi generali tal-komunita` u l-htigijiet tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan il-bilanc ma jinzammx jekk il-persuna koncernata jkollha ggorr piz individwali u eccessiv[2].

**28.** Kull interferenza fit-tgawdija ta' dritt jew liberta` rikonoxxuta mill-Konvenzjoni ghandha tkun intiza biex tilhaq xi ghan legittimu. Il-principju ta' "bilanc gust" inerenti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih innifsu jippresupponi l-ezistenza ta' interess generali tal-komunita`. L-interferenza fid-drittijiet ta' proprjeta` trid fil-fatt u fil-principju mhux biss tkun intiza sabiex tilhaq ghan legittimu fl-interess generali izda jrid ikun hemm ukoll relazzjoni ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-ghan li jkun irid jintlahaq bil-mezzi implimentati mill-Istat. Dan ir-rekwizit isib espressjoni fil-kuncett ta' "bilanc gust" li jrid jintlahaq bejn l-esigenzi tal-interess generali tal-komunita` u l-htigijiet tal-harsien tad-drittijiet tal-individwu. Ghalhekk, hu mehtieg li f'kull kaz li jinvolvi allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dak l-Artikolu il-Qorti trid taccerta ruhha jekk kagun tal-interferenza mill-Istat il-persuna koncernata kellhiex terfa' piz sproporzjonat u eccessiv[3].

---

[2] ECHR *Sporrong & Lonnroth v Sweden*, 23 Settembru, 1982, #73

[3] ECHR *Hutten Czapyska v Poland*, 18 Gunju 2006, #166; ara wkoll *Mellacher v. Austria*, 19 Dicembru 1989, #48; *Lithgow and others v. United Kingdom* 8 Lulju 1986, #120; *Broniowski v. Poland* [GC], 22 Gunju 2004, #148; *Saliba v. Malta*, 22 Novembru 2011, #58; Q. Kos. *Gera de Petri v. Avukat Generali et.*, 8 Jannar 2007, #9

**29.** Iz-zamma ta' bilanc gust tiddependi fuq hafna fatturi u l-imgieba tas-sid tal-proprjeta`, inkluz il-grad ta' htija jew kura li wera, hija element wiehed mill-kumpless shih ta' cirkustanzi li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni[4].

**30.** Ghalkemm it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma fih ebda rekwiziti espliciti, il-Qorti jehtieg li tikkonsidra jekk il-proceduri applikabbli fil-kaz partikolari kienux tali li jippermettu, fost hwejjeg ohra, li jittiehed qies ragonevoli tal-grad ta' htija jew kura tal-persuna koncernata jew tal-anqas tar-relazzjoni bejn l-imgieba ta' dik il-persuna u l-ksur tal-ligi kif ukoll jekk il-proceduri in kwistjoni kienux jaghtu lill-istess persuna opportunita` ragonevoli li taghmel il-kaz taghha lill-awtoritajiet. Fl-accertament ta' jekk dawn il-kondizzjonijiet ikunux gew osservati jrid jittiehed qies komprensiv tal-proceduri applikabbli[5].

**<u>Applikazzjoni tal-principji</u>**

**dwar il-vettura HBD-069**

[4] ECHR Agosi v. United Kingdom, 24 Ottubru 1986, #54
[5] *Ibid* #55

**31.** Minn qari tal-Artikolu 3, partikolarment is-subinciz 2[c][i] tal-Kap. 104 jirrizulta car li l-legislatur ried li f'kaz ta' kommissjoni tar-reat kontemplat fis-subinciz [1] tal-artikolu precitat, ghal tliet darbiet jew aktar, mill-istess persuna li tkun jew is-sid tal-vettura, jew impjegat ma' sid-il vettura, jew tkun membru tal-familja li tirrisjedi fl-istess indirizz ma' sid-il vettura, il-Qorti hi obbligata li tordna l-konfiska tal-vettura[6]. Dan l-obbligu jiskatta anke meta s-sewwieq ma jkunx sid-il vettura, imma jkun impjegat mieghu jew ikun membru tal-familja jghix mieghu. Dan gie ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawza kontra Maximillian Ciantar fejn dik il-Qorti osservat li *"m' hemmx wisq xi tghid dwar il-konfiska tal-karrozza [HBD-096] hlief li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat il-ligi"*.

**32.** Fir-risposta tieghu l-intimat jargumenta li t-tehid tal-vettura ma jistax jitqies li kien illegali peress li sar minn Qorti in applikazzjoni tal-ligi. Dan huwa minnu izda ma hux sufficjenti sabiex l-Istat ikun konfromi mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll peress li ghalkemm huwa minnu li l-interferenza fil-proprjeta` ta' sid il-vettura da parti tal-Istat kienet wahda "lawful" ghax saret b'applikazzjoni tal-ligi dan ma jezentax lill-Istat mid-dover li ma jitfax fuq sid il-vettura konfiskata *'a disproportionate and excessive burden'* billi jcahhdu minn kull opportunita` li jressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti s-sottomissjonijet tieghu sabiex dawn ikunu jistghu jaghmlu l-apprezzament taghhom tal-grad ta'

[6] 3[2][c][i]

htija jew kura tieghu jew tal-anqas tar-relazzjoni bejn l-imgieba tieghu u l-ksur tal-ligi riskontrat.

**33.** L-intimat issottometta wkoll li s-socjeta` rikorrenti setghet ghamlet "ir-rikorsi opportuni" sabiex issemma' lehenha fil-proceduri bhala parti direttament interessata, u b'hekk ikollha l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha, izda fil-fehema ta' din il-Qorti dan is-suppost rimedju la hu adegwat u lanqas effettiv ghaliex il-*buona fede* ta' sid-il vettura ma jidhirx li hi cirkustanza relevanti fil-konsiderazzjoni tigix applikata l-konfiska tal-vettura li jidher li hi wahda tassattiva u li ma tammettix eccezzjonijiet darba jirrizulta dak previst fl-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104. Il-ligi ma taghtix diskrezzjoni lill-Qorti u ma taghmel ebda salvagwardja ghad-drittijet ta' terzi fuq il-proprjeta` soggetta ghall-konfiska, kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali[7].

**dwar il-vettura KIM-324**

**34.** Illi l-fatti dwar din il-vettura huma differenti minn dawk li jiccirkondaw il-vettura precedenti, kemm ghax din tinsab registrata fuq Emanuel Ciantar personalment, kif ukoll ghax f'dan il-kaz il-vettura, ghalkemm ghadha

[7] Fl-ewwel subinciz tieghu dan l-artikolu jiddisponi hekk: 23. "(1) The forfeiture of the corpus delicti, of the instruments used or intended to be used in the commission of any crime, and of anything obtained by such crime, is a consequence of the punishment for the crime as established by law, even though such forfeiture be not expressly stated in the law, unless some person who has not participated in the crime, has a claim to such property".

mizmuma mill-pulizija, ghadha ma gietx konfiskata b'sentenza definittiva peress li kemm is-sewwieq Maximillian Ciantar u kemm l-Avukat Generali appellaw mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Jannar 2012.

**35.** Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Magistrati, filwaqt li sabet lil Maximillian Ciantar hati ta' diversi reati, fosthom dak kontemplat fl-Artikolu 3 *de quo*, u filwaqt li kkundannatu ghal piena ta' prigunerija u multa, flimkien ma' sospensjoni ta' licenzja tas-sewqan, iddecidiet dwar it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-vettura billi cahditha ghar-raguni li l-vettura *"hija proprjeta` ta' Emanuel Ciantar u li ma rrizultax li l-istess Emanuel Ciantar ta l-permess tieghu lill-imputat biex isuq il-vettura indikata, anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju.*[8]

**36.** Jidher li Maximillian Ciantar appella mis-sentenza f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabitu hati, filwaqt li l-Avukat Generali appella minn dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma applikatx il-konfiska.

**37.** Matul il-pendenza tal-appell, ir-rikorrent Emanuel Ciantar ghamel talba lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tigi rilaxxjata l-vettura tieghu, in bazi ghall-fatt li, l-appell ta' Maximillian Ciantar ma jirrigwardax dik il-parti tad-dispozittiv tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ghall-konfiska, filwaqt li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

[8] Fol.47

**38.** L-Avukat Generali oppona "bil-qawwa u b'mod assolut"[9] ghat-talba ta' Emanuel Ciantar ghas-segwenti ragunijiet: li fil-kaz ta' sejbien ta' htija "il-vettura hija soggetta ghall-konfiska b'mod tassattiv tenut kont li jirrizultaw il-fatti li jaghtu lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 3[2][c][i] tal-Ka[.104"; u li Maximillian Ciantar talab is-sospensjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

**39.** Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba ta' Emanuel Ciantar, "ghar-ragunijiet moghtija mill-Avukat Generali".

**40.** Huwa relevanti wkoll ghall-finijiet tal-proceduri odjerni li fl-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, l-Avukat Generali jsostni li l-Qorti tal-Magistrati "kellha tordna l-konfiska tal-vettura *de quo* u dan minkejja li l-vettura tappartjeni lil missier l-appellant u mhux lill-appellat stess. Il-ligi hija carissima f'dan ir-rigward u ma taghti lok ghal ebda interpretazzjoni".[10]

**41.** Fir-rigward, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha dwar il-vettura HBD-096 u tosserva li dawk il-konsiderazzjonijiet huma applikabbli anke fir-rigward ta' din il-vettura, u dan peress li jekk l-appell tal-

[9] Fol.65
[10] Fol. 72

Avukat Generali lill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar in-nuqqas ta’ konfiska jigi milqugh, u allura l-vettura tigi konfiskata skont il-ligi, sid il-vettura, in kwantu huwa missier l-akkuzat Maximillian u jghixu fl-istess indirizz, xorta wahda ser ikun gie pprivat mill-proprjeta` tieghu minghajr ma kellu opportunita` li jressaq il-kaz tieghu sabiex ikun jista’ jikkontesta b’xi grad potenzjali ta’ success il-konfiska tal-vettura tieghu. Jekk mill-banda l-ohra, l-appell tal-Avukat Generali lill-Qorti tal-Appell Kriminali jigi michud, ir-rikorrent ikun xorta gie fil-frattemp ipprivat mit-tgawdija tal-vettura tieghu minghajr ma qatt kellu l-opportunita` li jikontesta effikacament it-tehid tal-vettura tieghu mill-awtoritajiet.

**42.** Inoltre, kif sottomess mir-rikorrent iz-zamma tal-vettura ma jirrizultax li hi mehtiega ghal xi investigazzjoni *in rem* jew xort’ohra peress li fir-rigward ta’ din il-vettura ma hemmx parti li direttament sofriet hsara minhabba r-reat kommess. Ghaldaqstant ma tarax kif iz-zamma tal-vettura, f’dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet legali fuq esposti, tista’ titqies li hi fl-interess tal-gustizzja. Din il-Qorti ma tistax tonqos milli ssemmi li, ghalkemm l-interess tal-kollettivita` ghandu jigi kawtelat min-naha l-ohra l-interess tal-privat, f’dan il-kaz sid-il vettura, ma jistax jigi traskurat.

**43.** Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju tar-rikorrenti appellanti fir-rigward tat-tehid tal-vettura HBD-069 u tal-vettura KIM-324 huwa fondat peress li ma nzammx bilanc gust bejn l-esigenzi tal-interessi generali tal-

komunita` u l-htigijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imharsa bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u b'hekk ir-rikorrenti qeghdin jigu kostretti jgorru piz individwali u eccessiv bi vjolazzjoni tal-istess artikolu.

**Allegata lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

**nuqqas ta' access ghall-Qorti**

**44.** In kwantu r-rikorrent appellant jilmenta minn lezjoni tad-dritt tieghu ghal access ghall-Qorti bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghandu jigi rilevat li taht l-Artikolu 6 imsemmi tali dritt ta' access ghall-Qorti huwa moghti lill-persuna "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu", in kwantu ghal dik il-parti ta' dan l-artikolu li jirrigwarda akkuza kriminali ma jirrizultax li r-rikorrent qatt kien imputat b'xi reat kriminali fil-procedimenti in kwistjoni. L-unika persuna imputata b'reat kriminali kienet Maximillian Ciantar u mhux ir-rikorrent appellant u l-konfiska giet ordnata mhux ghaliex ir-rikorrent appellant instab hati ta' xi reat, jew ghaliex kien imputat ta' xi reat, izda ghaliex Maximillian Ciantar instab hati ta' reat li kien imputat lilu fi procedimenti kriminali kontra tieghu. Huwa minnu li bil-mizuri li ttiehdu fil-kors ta' dawk il-proceduri kontra haddiehor ir-rikorrenti setghu ntlaqtu sfavorevolment izda, kif ritenut fil-kaz ta' *Agosi*:

> “The fact that measures consequential upon an act for which third parties were prosecuted affected in an adverse manner the property rights of AGOSI cannot of itself lead to the conclusion that, during the course of the procedures complained of, any “criminal charge”, for the purpose of Article 6, could be considered as having been brought against the applicant company.” [11]

**45.** Bhal fil-kaz *Agosi*, fil-kaz odjern ukoll ma jistax jinghad li r-rikorrent appellant kien imputat b’xi reat kriminali u ghalhekk ma tistax tinstab lezjoni tal-Artikolu 6 fil-konfront tar-rikorrent appellant minhabba nuqqas ta’ access ghall-Qorti fid-decizjoni ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu.

**46.** Inoltre, ukoll bhal fil-kaz *Agosi*, ir-rikorrent appellant ma invokax l-Artikolu 6 safejn dan jirrigwarda drittijiet u obbligazzjonijiet civili u ghalhekk din il-Qorti ma hix msejjha tezamina dan il-kaz minn dan l-aspett.

**47.** Ghalhekk, l-aggravju tal-appellant dwar in-nuqqas ta’ sejbien ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas ta’ access ghall-Qorti ma hux fondat.

**prezunzjoni tal-innocenza**

[11] ECHR Agosi v The United Kingdom, 24/10/1986, #65

**48.** Aggravju iehor tal-appellanti fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jikkonsisti filli jilmentaw ukoll li giet leza fil-konfront taghhom il-prezunzjoni tal-innocenza kif sancita fl-Artikolu 6(2)(3) tal-Konvenzjoni.

**49.** Dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa li "F'dan l-artikolu tal-Kap. 104" (minghajr ma gie specifikat ghal-liema artikolu qed issir riferenza) hemm ukoll il-prezunzjoni tal-htija b'mod assolut.

**50.** Ghalkemm ma ghandhiex tkun il-Qorti li tipprova tintravvedi x'ikollu f'rasu l-appellant, jidher li l-appellant qieghed jirreferi ghall-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap.104 gia` fuq citat.[12]

**51.** Din il-Qorti ma tara ebda prezunzjoni ta' htija tal-appellanti fis-subinciz (i) tal-artikolu msemmi. Dak is-subinciz jipprovdi ghall-mizura ta' konfiska tal-vettura li ntuzat fil-kummissjoni ta' reat meta dik il-vettura oggettivament ma tkunx konformi mal-ligi ghaliex dwarha ma jkunx hemm fis-sehh polza tal-assigurazzjoni skont il-Kap. 104. Ebda wiehed mir-rikorrenti ma kien imputat ta' xi reat u l-artikolu msemmi ma johloq ebda prezunzjoni li xi hadd mir-rikorrenti huwa prezunt hati ta' xi reat. L-Artikolu 3(2)(c)(i) jippresupponi li persuna li saqet jew ghamlet uzu minn jew gieghlet jew halliet persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq meta ghall-uzu ta' dik il-vettura minnu jew minn

[12] Ara # 23 *supra*

dik il-persuna l-oħra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, tkun giet pruvata ħatja tar-reat prospettat fl-istess artikolu. Imbghad, bhala mizura konsegwenzjali tal-fatt li dik il-persuna tkun giet provata hatja ta' dak ir-reat, tipprovdi ghall-konfiska tal-vettura in kwistjoni jekk oggettivament jirrizulta li dwar dik il-vettura ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni skont il-ligi, u dan indipendentement minn jekk il-persuna li tkun is-sid tal-vettura, jew li jkollha xi interess iehor fl-istess vettura, ikollhiex xi htija ghal xi reat. Ghalhekk, id-dispozizzjonijiet imsemmija b'ebda mod ma jipprospettaw xi prezunzjoni ta' htija ta' xi hadd jew b'xi mod jilledu l-prezunjoni tal-innocenza ta' xi hadd.

**52.** L-aspett tal-interferenza mill-Istat fil-godiment pacifiku tal-vetturi in kwistjoni da parti tas-sidien tal-istess vetturi gia` gie indirizzat aktar kmieni f'din is-sentenza u l-Qorti sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li jaghmel ghall-kaz izda ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6(2)(3) ma jaghmlux ghall-kaz.[13]

**53.** Ghaldaqstant dan l-aggravju jirrizulta infondat.

**Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni**

[13] Ara *Agosi v. The United Kingdom*, loc. cit., #66

**54.** L-uniku aggravju dwar is-sentenza appellata fir-rigward tal-Aritkolu 7 tal-Konvenzjoni hu fis-sens li l-ewwel Qorti, ghalkemm iccitat it-test tal-artikolu, fil-fatt ma dahlitx fih u ghalhekk l-appellanti illimitaw ruhhom filli jirreferu ghal dak migjub fir-rikors pomotorju.

**55.** Dwar dan l-aggravju l-Avukat Generali jsostni li dak li minnu jilmentaw l-appellanti hu *omissa decisione* da parti tal-ewwel Qorti u li ghalhekk l-appellanti ma setghux jappellaw minnha u li l-uniku rimedju ghad-dispozizzjoni taghhom kien dak previst fl-Artikolu 235 tal-Kap. 12 u cioe` dak ta' rikors lill-ewwel Qorti sabiex taqta' t-talba li dwarha ma tkunx tat decizjoni. Is-sentenza appellata, izda, fil-parti operattiva taghha tghid li qed "tichad it-talbiet tar-rikorrenti" li jfisser li kienet qed tichad it-talbiet kollha taghhom. Ghalhekk ma kien hemm ebda *omissa decisione* anki jekk jista' jinghad li xejn ma kienet motivata fejn si trattava tat-talba b'riferenza ghall-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

**56.** Fil-verita` din il-Qorti wkoll ssib diffikulta` kbira tipprova tindirizza dan l-ilment partikolari tar-rikorrenti ghaliex sabiex tkun tista' taghmel dan trid l-ewwel tifhem in-natura tal-istess ilment izda jkollha tistqarr li dan xejn ma hareg car la mis-sottomissjonijiet fir-rikors promotorju, la minn dawk fir-rikors tal-appell u anqas minn dawk li saru oralment. L-appellanti diversi drabi accennaw ghall-"legislazzjoni Ewropea" minghajr qatt ma identifikaw b'xi

precizjoni din il-legislatazzjoni u fi kwalunkwe kaz minghajr qatt ma ppuntwalizzaw kif dak li jsostnu hi divergenza bejn dak provdut fil-Kap. 104 u "l-legislazzjoni Ewropea" twassal ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

**57.** Jidher ukoll li l-appellanti jidhru li qeghdin jippruvaw jigbdu xi argument relevanti ghall-ilment taghhom dwar allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 7 imsemmi mill-fatt li s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **P v. Andre' Apap** iddipartiet mill-insenjament tal-istess Qorti fis-sentenza precedenti **P v. Angelo Scuderi** izda mbaghad jibnu l-argument taghhom fuq intendiment ghal kollox zbaljat dwar dak li gie ritenut fis-sentenza P v Andre' Apap li kienet tirrigwarda l-piz tal-prova tal-ezistenza ta' polza ta' assikurazzoni u mhux l-elementi sostantivi tar-reat in kwistjoni.

**58.** Finalment l-appellanti jidhru wkoll li jippretendu li "hemm" vjolazzjoni tal-Artikolu 7 imsemmi "minhabba interpretazzjoni estensiva tal-ligi penali" minghajr spjegazzjoni cara u li tiftiehem ta' fejn u kif saret din l-interpretazzjoni estensiva tal-ligi. Il-Qorti fliet l-argumenti tal-appellanti dwar din il-materja izda jkollha tistqarr li ftit li xejn setghet taghmel sens minnhom.

**59.** Il-Qorti ghalhekk ikollha tikkonkludi li dan l-aggravju ma hux fondat ghaliex ir-rikorrenti b'ebda mod ma urew li saret xi vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni fil-konfront taghhom.

**<u>Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>**

**60.** Ir-rikorrenti jallegaw ukoll ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-konsiderazzjonijiet premessi li saru dwar l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' access ghall-Qorti u dwar dik ta' ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza fl-apprezzament tal-ilmenti tar-rikorrenti appellanti fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw ugwalment ghall-ilmenti tar-rikorrenti appellanti taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk, peress li ma hemmx konsiderazzjonijiet diversi xi jsiru, il-Qorti ssib dan l-aggravju infondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi il-Qorti tilqa' in parti l-appell tar-rikorrenti appellanti billi:

(a) tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li biha cahdet it-talba tar-rikorrenti appellanti sabiex il-Qorti tiddikjara li fil-konfront

taghhom hemm il-vjolazzjonijiet lamentati taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(b) tirrevokaha fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti appellanti sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 jivvjola l-istess artikolu;

(c) tilqa' minflok it-talbiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) hawn fuq fis-sens li tiddikjara li saret vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u li l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 jivvjola l-Artikolu 1 imsemmi safejn l-istess artikolu jippermetti l-konfiska ta' vettura bil-mutur ta' persuna li ma tinghatax l-opportunita` li tikkontesta effikacament it-tehid tal-vettura taghha mill-awtoritajiet u konsegwentement safejn ghandu dan l-effett tiddikjara l-istess artikolu minghajr effett;

(d) tordna r-rilaxx tal-vetturi Peugeot Partner numru HBD-096 u dik Toyota Vitz numru KIM-324 registrata favur is-sidien taghhom;

(e) tordna l-hlas ta' danni mhux pekunjarji liz-zewg rikorrenti ta' tliet mitt euro (€300) kull wiehed;

(f) tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti fil-kumplament;

(g) tichad l-appell tal-intimat.

L-ispejjez tal-appell tar-rikorrenti kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell jithallsu kwantu ghal kwint ($^{1}/_{5}$) mir-rikorrenti appellanti u in kwantu ghal erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-appellat.

L-ispejjez tal-appell tal-intimat Avukat Generali jithallsu kollha mill-istess intimat appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------